MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Numru 43/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Wasim Brghol**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Wasim Brghol**, ta’ wiehed u tletin (31) sena, nazzjonalita’ Sirjana, iben Khaled u Suad, mwieled is-Sirja nhar l-10 ta’ Lulju 1982 u residenti c-Centru Miftuh ta’ Hal-Far u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 13V-061 akkuzat talli:

1. f’xi jum mix-xahar ta’ Ottubru 2013 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer bħala persuna illi imbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-

informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ *ai termini* ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienitx qed tinsisti ghal sentenza ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Wasim Brghol hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------